**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 63– 7 ta' Mejju 2019**

***Minuti tat-63 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-7 ta' Mejju, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 63. Il-laqgha bdiet fil-6:20pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

63.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji

Il-Kunsill gie nfurmat li l-Vici Sindku Alfred Grixti, u l-Kunsilliera Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Philip Said, ma setghux jattendu ghal din il-laqgha. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li dawn il-Kunsilliera jkunu skuzati.

63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Gew prezentati zewg settijiet ta' minuti. L-ewwel sett ta'minuti pprezentati kien dak tat-8 t' April 2019. Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li l-minuti jigi approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Gorg Cortis. Dawn il-minuti gew approvati unanimament. It-tieni sett ta' minuti kien dak tal-24 t'April 2019. Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li l-minuti jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Dawn il-minuti gew approvati unanimament.

63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezentat iz-zewg ittri prezentati mill-Kazini dwar l-attivitajiet marbuta mal-Festa San Filep 2019. Kien hemm qbil li dawn it-talbiet jigu milqugha.

Sadanittant is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li qarib ta' sid il-hanut li jinsab fi Triq Sciortino qal li issa dan il-hanut qed jghajjat lilu, u li nteressat li jarma b'bar quddiem il-hanut tieghu u ghaldaqstant il-hanut ta' hdejh m'ghandux jinghata l-permess biss li jarma quddiemu. Il-Kunsill qabel li bhas-soltu ma jinhargux permessi sabiex hanut jarma quddiem hanut iehor jekk ma jkunx hemm kunsens mis-sid tat-tieni hanut.

63.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-vot tal-flus li kien gie ccirkolat mis-Segretarju Ezekuttiv fil-jiem ta qabel. Is-Sindku proponiet li l-vot jigi approvat kif prezentat. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-pagament lill-Mario Cachia. Ghall-kumplament tal-vot kien hemm qbil unanimu.

63.5 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

63.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgha spiccat fis-6:45pm. L-aggornament kien sine die.

**Sarah Agius** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Ezekuttiv**

,